**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2002

**Numru 9**

**Avviz numru 1523/01JR**

**Maltacom plc**

**vs**

**Joyce Rachel Buhagiar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm150.45), rapprezentanti ammonti dovuti lill-istess socjeta` attrici in konnessjoni man-numru telefoniku 233010 (Dok.A) liema servizz telefoniku gie nstallat fil-fond 8, St. Sebastian Street, Valletta, (Dok.B);**

**Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm150.45).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**